MINISTERU GHAR-RIZORSI U L-AFFARIJIET RURALI

MALTA

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

*Taqsima ta' Regolament Veterinarju, Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd*

*Veterinary Regulation, Fisheries Conservation & Control Division*

# INFORMAZZJONI DWAR SAJD MINN DGHAJJES RIKREAZZJONALI

- L-uzu ta' kull tip ta' xibka u konzijiet tal-pixxispad, tonn u alungi ma jistghux jintuzaw minn bastimenti f'din il-kategorija. F'din il-kategorija jistghu jintuzaw irkapti ohra bhal konzijiet tal-qiegh, nasses u rixa skond il-Legislazzjoni Sussidjarja 425.01, "Regolamenti dwar is-Sajd".

- Il-qabda tal-hut li tinqabad minn bastimenti rikreazzjonali ghandha tinzamm ghall-uzu personali u ma tistax tigi kkumercjalizzata. Il-hut li jinqabad jista' jigi kkumercjalizzat biss ghal finijiet karitattivi. Dan jista' jsir biss jekk tinghata awtorizazzjoni mit-Taqsima ta' Regolament Veterinarju, Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd. Din l-awtorizazzjoni tkun tista' tinhareg biss jekk id-dhul tal-bejgh imur ghall-karita'.

- Skond Artiklu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar mizuri ta' gestjoni ghall-isfruttament sostenibli ta' rizorsi tas-sajd fil-Bahar Mediterran, organizmu tal-bahar li jkun izghar mid-daqs specifikat fit-Tabella f'*Anness I* m'ghandux jinqabad, jinzamm abbord jew jitnizzel l-art.

  Id-daqs ta' kwalunkwe huta ghandu jitkejjel mit-tarf tal-geddum tal-huta sat tarf tad-denb, kif muri fil-*Figura 1*. Dawn id-daqsijiet jghoddu ghal kull tip ta' sajd, anke dak bil-qasba minn mall-kosta. Kull huta li tinqabad li tkun izghar minn dwan il-qisien ghandha terga' tintelaq fil-bahar.

Figura 1



- Skond ir-Rikomandazzjoni tal-ICCAT 2008/03, l-istagun tal-pixxispad huwa maghluq bejn l-1 ta' Ottubru u t-30 ta' Novembru ta' kull sena (dan il-perjodu jista' jinbidel wara l-2009). F'kaz li xi pixxispad jinqabad b'irkaptu rikreazzjonali, dan ghandu jigi mitluq immedjatament u bl-ebda mod ma jinzamm abbord jew jitnizzel l-art. Isiru spezzjonijiet regolari fuq id-dghajjes u kull pixxispad li jinstab fil-perjodu ta' l-gheluq jigi kkonfiskat immedjatament u tittiehed azzjoni legali kontra sid il-bastiment.

Abattoir Square, Albertown, Marsa, Malta
TELEPHONE: (356) 25905000 / 215 / 216, FAX: (356) 21 238105

- Kull bastiment tas-sajd rikreazjonali jew sportiv ghandu bzonn awtorizazzjoni mit-Taqsima ta' Regolament Veterinarju, Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd, biex ikun jista' jistghad ghat-tonn (*Thunnus thynnus*). Skond Artiklu 10 tar Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 'li jistabbilixxi pjan pluriennali ghall-irkupru tat-Tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran', fil-qafas ta' sajd rikreattiv huwa projbit li jinqabad, jinzamm abbord, jkun trasbordat u zbarkat aktar minn individwu wiehed ta' tonn f'kull vjagg tas-sajd, anke jekk dawn ikollhom l-awtorizazzjoni.

  F'kaz li jinghata awtorizazzjoni specjali, id-daqs minimu ghat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Bahar Mediterran li jista' jitnizzel l-art ghandu jkun ta' 30 kg jew 115 cm tul. Jekk jinqabad tonn izghar minn dan id-daqs ghandu jintelaq lura fil-bahar immedjatament. Barra minnhekk il-kummercjalizzazzjoni ta' tonn maqbud f'sajd rikreattiv mhux permess u jista' jinbiegh biss jekk tinghata awtorizazzjoni mit-Taqsima ta' Regolament Veterinarju, Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd. Din l-awtorizazzjoni tkun tista' tinhareg biss jekk id-dhul tal-bejgh imur ghall-karita'. F'kaz li jinghata permess specjali u jinqabad xi tonn b'irkaptu rikreazzjonali d-data tieghu ghandha tinghata lid-Dipartment tas-sajd sabiex Malta tkun tista' tirregistra data dwar il-qbid ta' tonn minn sajd rikreattiv u tikkomunika din id-data lill-Kummissjoni kif mehtieg.

- Kull pixxispad jew tonn li jinqabad minn dghajjes rikreazzjonali ghandu jinhatt f'wiehed mill-erbgha portijiet maghzula (Mgarr Ghawdex, Marfa, Valletta jew Marsaxlokk). Qabel ma d-dghajsa tidhol f'wiehed minn dawn il-portijiet, is-sajjied ghandu jcempel lill-Ufficjal tal-Hatt 4 sieghat qabel biex dan ikun prezenti waqt il-hatt.

| **Port** | **Ufficjal tal-Hatt** | **Mobile No.** |
|---|---|---|
| Mgarr Ghawdex | Mario Tabone | 99826334 |
| Marfa | Marvin Seguna | 79709426 |
| | Jonathan Cassar | 99460164 |
| Valletta | Frans Caruana | 79592257 |
| | George Cauchi | 99827728 |
| Marsaxlokk | William Gatt | 79332394 |

# Daqsijiet Minimi ta’ organizmi tal-bahar

| Isem Xjentifiku | Isem bl-Ingliz | Isem bil-Malti | Qies minimu |
|---|---|---|---|
| Hut | | | |
| *Dicentrarchus labrax* | Sea-bass | Spnotta | 25cm |
| *Diplodus annularis* | Annular sea bream | Sparlu | 12cm |
| *Diplodus puntazzo* | Sharpsnout sea bream | Moghza | 18cm |
| *Diplodus sargus* | White sea bream | Sargu | 23cm |
| *Diplodus vulgaris* | Two-banded sea bream | Xirgien | 18cm |
| *Engraulis encrasicolus*[1] | European Anchovy | Incova | 9cm |
| *Epinephelus* spp. | Grouper | Cerna | 45cm |
| *Lithognathus mormyrus* | Stripped sea bream | Mengus | 20cm |
| *Merluccius merluccius*[2] | Hake | Merluzz | 20cm |
| *Mullus* spp. | Red mullet | Trilja | 11cm |
| *Pagellus acarne* | Spanish sea bream | Pagella tal-fond | 17cm |
| *Pagellus bogaraveo* | Red sea bream | Pagella hamra | 33cm |
| *Pagellus erythrinus* | Common pandora | Pagella | 15cm |
| *Pagrus pagrus* | Common sea bream | Pagru komuni | 18cm |
| *Polyprion americanus* | Wreckfish | Hanzir | 45cm |
| *Sardina pilchardus*[3] | European Sardine | Sardina | 11cm |
| *Scomber* spp. | Mackerel | Kavall | 18cm |
| *Solea vulgaris* | Common Sole | Ingwanta | 20cm |
| *Sparus aurata* | Gilthead sea bream | Awrata | 20cm |
| *Trachurus* spp. | Horse mackerel, scad | Sawrella | 15cm |

[1] Ancova: L-Istati Membri jistghu jikkonvertu d-daqs minimu f’110 kampjun ghal kull kg;
[2] Merluzz: Madankollu, sal-31 ta’ Dicembru 2008 margini tat-tolleranza ta’ 15% tal-piz se jkun permess ghall-merluzz bejn il-15 u l-20cm. Dan il-limitu ta’ tolleranza ghandu jkun rispettat kemm minn bastimenti individwali, fuq il-bahar jew fil-post tat-tnizzil l-art, u fis-swieq ta’ l-ewwel bejgh wara t-tnizzil l-art. Dan il-limitu ghandu wkoll ikun rispettat fi kwalunke transazzjoni kummercjali sussegwenti fuq il-livell nazzjonali u internazzjonali.
[3] Sardin: L-Istati Membri jistghu jikkonvertu d-daqs minimy f’55 kampjun ghal kull kg;